# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

Ħbieb il-Kappelli Maltin

Ġunju 2024

Ħarġa Nru 41



Ħbieb il-Kappelli Maltin

**PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta**

e-mail: **hbiebkappellimaltin@gmail.com**

**Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin**

# EDITORJAL

**Kumitat 2024-2025**

**President**
Rita Buhagiar

**Viċi-President**
Miriam Schembri

**Segretarju**
Adrian Schinas

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Relazzjonijiet Pubbliċi**
Norbert Gingell

**Korrispondenza**
RoseAnn Mamo

**Amministratur Facebook**
Owen Caruana

**Membru**
Godfrey Mangion

**Fuljett**

**Ġbir ta' informazzjoni:** Norbert Gingell

**Issettjar:** Miriam Schembri

**Għal aktar tagħrif u stejjer fid-dettal dwar il-kappelli żuru s-sit**

***www.kappellimaltin.com***

Ritratt tal-faċċata:

Knisja Parrokkjali l-Antiki ta' Loretu

Ritratt: Norbert Gingell

Għeżież Membri u Ħbieb,

Bħal kull sena l-attivita li kulħadd ikun qed jistenna, dik li nżuru knejjes u kappelli f' Għawdex kienet suċċess. L-attendenza kienet numeruża għal darb'oħra, u hawn nieħu l-okkazzjoni biex f'isem il-Kumitat nirringrazzjaw lill-koppja Micallef li ta' kull xahar jorganizzaw u jiġbru numru tajjeb ta' Żabbarin biex jattendu għall-attivitajiet li torganizza l-Għaqda.

Kienet attività organizzata tajjeb, għalkemm it-temp ma kienx sabiħ, hekk li spiċċajna nieħdu tixriba meta ħriġna mill-knisja ta' Santa Luċija. U biex tgħaxxaq kollox, mar id-dawl tal-knisja waqt li kien qed irieghed u bix-xita nieżla. Imma kienet avventura wkoll.

Hawnhekk hu lok li nirringrazzjaw lil Kav. Joe Attard li bħal dejjem insibuh biex jagħmlilna l-kuntatti sabiex jifthulna l-knejjes u kappelli, u dan jagħmlu b'ċertu żelu u entusjażżmu. Li ma kienux l-kuntatti tiegħu, kieku xogħol il-kumitat kien ikun aktar problematiku biex norganizzaw il-ħarġa għal Għawdex.

Issa fadal l-aħħar attività għal din is-sena, dik tax-xahar ta' Ġunju. Aktar dettalji fejn se tiġi organizzata l-attività issibuha fiċ-ċirkolari li qed tirċievu ma dan il-fuljett elettroniku.

Matul ix-xhur sajfin, il-Kumitat jibqa jiltaqgħa skont l-Istatut fejn nieħdu l-okkażżjoni sabiex nippjanaw l-attivitajiet ta' ħarġiet u oħrajn għax xhur Ottubru – Ġunju 2025.

**N. Gingell**

Għal Kumitat



Membri jisimgħu lil Kav. Joe Attard fil-Knisja tal-Viżitazzjoni 'Taż-Żejt'

# Il-Knisja Parrokkjali l-Antika ta’ Loretu

# Għajnsielem, Għawdex



Dehra tal-Knisja Parrokkjali l-Antiki ta’ Loretu

Il-paroċċa t’Għajnsielem ħarġet minn dik tan-Nadur. Dan sar b’digriet speċjali li l-Papa Piju IX ħareġ fl-20 ta’ Jannar 1855. Imma d-devozjoni lejn il-Madonna ta’ Loretu tmur aktar lura minn hekk.

Jingħad li ċertu Anġlu Grech, magħruf bħala ‘tax-Xini’, devot kbir tal-Madonna, kien iħobb jieħu l-merħla tiegħu fil-kampanja t’Għajnsielem tirgħa, meta darba minnhom, jirrakonta hu, ra dehra ta’ mara liebsa l-abjad li talbitu biex fl-inħawi titwaqqaf statwa ddedikata lilha. Anġlu ma tantx ħela żmien u din l-istatwa tal-ġebel malajr saret u tqiegħdet f’niċċa. Dan seħħ meta Għajnsielem kien għadu raħal żgħir li fih kienu jgħammru ftit bdiewa u raħħala.

Id-devozzjoni lejn din in-niċċa malajr kibret. Jingħad ukoll li ċertu Indri Xuereb imlaqqam ‘tal-Możrid’ kien saħansitra jagħmel sinjal b’qanpiena sabiex in-nies tinġabar titlob quddiem din ix-xbieha tal-Madonna. Ġieli saru purċissjonijiet minn Nadur sa ħdejn din in-niċċa.

In-nies t’Għajnsielem talbu permess li tinbena kappella żgħira fl-inħawi. Kien fis-sena 1810 li l-Kappillan tan-Nadur Dun Franġisk Sapiano tahom il-permess, u l-kappella bdiet tinbena. Ix-xogħol tal-bini ġie fdat f’idejn l-imgħallem Franġisk Gafa. Tlestiet fl-1820 u ġiet iddedikata lill-Madonna ta’ Loreto. Ġiet imbierka fid-9 ta’ Settembru 1820 u fl-istess ġurnata l-kwadru titulari, xogħol ta’ Mikiel Busuttil, twassal proċessjonalment mill-knisja tan-Nadur għal dik t’Għajsielem fejn tqiegħed f’postu dakinhar stess.




Kwadru titulari tal-Madonna ta’ Loretu



San Andrija ta' Ġużeppi Calì



San Ġużepp ta' Ġużeppi Calì

Meta Għajnsielem kompla jikber, in-nies tal-lokal talbu sabiex isir parroċċa għalih. Kien fis-sena 1854 li l-ewwel saret viċi parroċċa biex imbagħad sena wara, f'26 ta' Jannar 1855, saret parroċċa.
Wara li saret parroċċa, il-kappella tkabbret darbtejn minn dik oriġinali, darba fl-1867 u aktar tard fl-1877. Il-knisja li naraw illum hi f'għamla ta' salib Latin u għandha stil t'arkitetura Dorika. Kienet ġiet ikkonsagrata fit-30 ta' Ġunju 1889 mill-Isqof t'Għawdex Mons. Gużeppi Maria Camilleri.



Madonna tar-Rużarju ta' Ġużeppi Calì

F'din il-knisja nsibu it-titular, Madonna ta' Loretu, xoghol ta' Michele Busuttil, maħdum fl-1820. Insibu wholl numru ta' pitturi ta' Giuseppe Calì, li saru bejn 1890 u 1914. L-istatwa titulari nħadmet f'Marsilja, Franza fl-1866. Din saret b'ringrazzjament minn nies t'Għajnsielem talli kienu ħelsuha ħafif mill-pesta tal-1865.

Fil-bidu tas-seklu XX, għalkemm il-knisja kienet diġà tkabbret darbtejn, kienet saret żgħira għall-abitanti t'Għajnsielem, għalhekk il-Kappillan ta' dak in-nhar, Dun Franġisk Mallia, iddeċieda li jibni knisja ġdida, dik li naraw illum.

*Kitba: Louis Fenech*
*Informazzjni miġbura minn diversi sorsi*

*Ritratti: N Gingell, Owen Caruana u Internet*

# Il-Knisja tal-Viżitazzjoni 'Taż-Żejt' L-Għarb, Għawdex



Il-Knisja tal-Viżitazzjoni 'Taż-Żejt'

Fl-Għarb insibu knisja ddedikata lill-Viżitazzjoni ta' Marija lil Santa Eliżabetta, u li minħabba leġġenda li hemm marbuta magħha, hi aktar magħrufa bħala 'taż-Żejt'.

Jingħad, li f'dan ir-raħal kienet tgħix mara xiħa li kienet taqla' x'tiekol billi taħdem il-bizzilla. Kienet fqira imma devota kbira tal-Madonna. Ta' kuljum kienet tmur titlob f'din il-knisja. Għalkemm kienet tixtieq li ta' kuljum ukoll tieħu ż-żejt biex tixegħlu quddiem il-Madonna, minħabba l-faqar tagħha ma setgħetx tagħmlu dan.

Jum minnhom sebħet ma tiflaħx u ma setgħetx tmur il-knisja.Waqt li kienet ma tiflaħx dehritilha mara sabiħa u qaltilha biex tmur il-knisja u tieħu magħha važett. Meta waslet ħdejn il-knisja indunat li minn taħt il-knisja beda ħiereġ iż-żejt. Il-mara bdiet tieħu minn dak iż-żejt biex tixgħelu quddiem il-Madonna.

L-ewwel darba li tissemma din il-knisja kien fil-viżta appostolika ta' Mons. Pietru Dusina fl-1575, fejn semma li sab knisja ta' "SanctaMaria Virtutis" jew tal-Virtù, li kienet tinsab f'kundizzjoni tajba ħafna.

Jidher li l-knisja li naraw illum inbniet fl-1675 minflok oħra li kienet ġiet ipprofanata fl-1657.

Fil-kantunieri tal-faċċata il-knisja għandha żewġ pilastri twal ta' stil Doriku li jerfgħu l-entablatura. Fuq il-gwarniċun hemm frontispizju ta' stil Vignola li l-kurvi tiegħu jinżlu lejn żewġ piramidi f'għamla ta' ilsna tan-nar.



L-altar ewlieni tal-Knisja tal-Viżitazzjoni 'Taż-Żejt'



Pittura ta' Sant'Anna u l-Madonna tfajla




Kwadru titular tal-Viżitazzjoni tal-Madonna

Il-knisja għandha pjanta rettangolari u fiha tliet altari, il-maġġur u tnejn oħra fil-ġnub tal-knisja. It-titular, li juri lil Santa Eliżabetta u San Ġwakkin jilqgħu lill-Madonna, qiegħed bejn żewġ pilastri ta' stil Joniku u fi prospettiva għamla ta' purtiera.

Fil-ġnub tal-artal maġġur hemm żewġ kwadri oħra, xogħol ta' Pawlu Camilleri Cauchi; wieħed juri lil San Ġużepp u lill-Madonna u l-ieħor juri l-għażla mit-Trinità tal-Madonna biex tkun Omm l-Iben t'Alla.

F'din il-knisja insibu wkoll Kurċifiss ta' Wistin Camilleri (1920) u Via Sagra magħmula minn statwi żgħar maħduma minn Alfred Camilleri Cauchi (1966). Fil-knisja hemm ukoll xi kwadri *ex voto*. Opra rikka oħra li tinsab f'din il-knisja hi l-ventaltar tal-ġild impitter li sar fl-1736.

Bejn id-29 t'Awwissu 1679 – meta l-Isqof Gerolamo Molina waqqaf parroċċa fin-naħa tal-punent t'Għawdex – u l-1729 din serviet bħala knisja parrokkjali.

*Kitba: Louis Fenech*

*Informazzjoni miġbura minn diversi sorsi*

*Ritratti: N Gingell u M Schembri*







Statwi tal-Via Sagra li jinstabu fil-Knisja tal-Viżitazzjoni 'Taż-Żejt'

# Il-Kappella ta' San Dimitri L-Għarb, Għawdex



Il-faċċata tal-kappella ta' San Dimitri

Il-poeta Ġiżwita Patri Ġużè Delia jinseġ poeżija ħelwa li tfakkar il-leġġenda ta' meta omm – Żugina - hekk kif saret taf li l-furbani kienu ħatfu lil binha Mattew ilsir, marret titlob b'ħerqa lil San Dimitri fil-kappella tiegħu sabiex jeħilsilha lil binha.Wiegħditu li jekk iġibilha lura lill-binha, tixgħellu qasba żejt. Il-qaddis sema' t-talb tal-omm, inqala' biż-żiemel b'kollox mill-kwadru u telaq illebbet biex jilħaq ix-xini li fuqu kien hemm Mattew. Wara ftit il-qaddis deher ġej lura b'Mattew miegħu fuq iż-żiemel u Żugina żammet il-wegħda tagħha.

Il-kappella ddedikata lil San Dimitri tinsab f'xifer ta' għolja magħruf bħala Ras San Mitri 'l barra mir-raħal tal-Għarb. Jingħad li l-ewwel kappella nbniet fil-bidu tas-seklu XV minn Dun Franġisk Depena. Mons. Pietru Dusina fil-viżta appostolika tal-1575 kien żar din il-kappella u jgħidilna li kellha dħul ta' ħames ewwieq minn raba', bl-obbligu li tingħata xema' ta' ratlejn lill-Katidral ta' Malta. Mons. P. Dusina kien sabha traskurata u ordna li jsiru t-tiswjiet u li jitwaħħlu bibien tal-injam. Dan kellu jsir fi żmien xahrejn taħt piena ta' għoxrin skud, u sakemm isiru t-tiswijiet id-dħul tal-kappella jgħaddi lill-parroċċa.



L-altar tal-kappella ta' San Dimitri

L-Isqof Michele Balaguer żar din il-kappella fl-24 ta' Mejju 1657 u sabha abbandunata, ipprofanaha u ordna li ma jsiru l-ebda funzjonijiet fiha.

Fl-1736 Dun Mario Vella reġa' bena din il-kappella. Ġiet imbierka mill-Arċipriet tal-Għarb Dun Publius Refalo fil-11 t'April1809.

Minn barra, l-kappella għandha faċċata sempliċi b'bieb bejn żewġ pilastri fuq kull naħa. Aktar 'l fuq hemm tieqa tonda biex tagħti d-dawl lill-kappella u aktar 'l fuq insibu kampnar forma ta' ħnejja b'qanpiena.

Minn ġewwa l-kappella għandha artal tal-ġebel li sar mill-benefattur Wenzu Gatt. Hemm ukoll artal mejda. It-titular, ta' pittur mhux magħruf, juri lil San Dimitri riekeb fuq żiemel iħares lejn mara fuq naħa filwaqt li n-naħa l-oħra hemm raġel bil-ktajjen. Fil-kwadru tidher id-data tal-1810, aktarx id-data ta' meta sar. Kien ġie restawrat minn Wistin Camilleri fl-1937. Fuq kull naħa tat-titular insibu żewġ kwadri, wieħed tal-Assunta u l-ieħor ta' Sant'Aristakru. Għandha saqaf troll b'sitt arkati li jserrħu fuq ċinta li ddur mal-kappella, u li jingħaqdu b'xorok tat-tlieta. Il-kappella tinsab f'kundizzjoni tajba ħafna.




Kwadru titulari ta' San Dimitri

*Kitba: Louis Fenech - Informazzjni miġbura minn diversi sorsi* *Ritratti: N Gingell*



Il-kappella ta' San Dimitri f 'nofs il-kampanja tal-Għarb

# Il-Knisja ta' Santa Luċija Għawdex



Il-faċċata tal-knisja ta' Santa Luċija

Il-knisja ddedikata lil Santa Luċija verġni u martri f'Għawdex tinsab fir-raħal żgħir li jgib l-istess isem. Dan jinsab ftit 'il bogħod mir-raħal ta' Kerċem.

Mhux magħruf meta nbniet l-ewwel knisja ad unur lil din il-qaddisa f'dan il-lokal, iżda żgur li kien aktar minn 400 sena ilu. Knisja oħra qabilha fl-istess sit kienet ipporofanata fl-1544. Din il-knisja tissemma' mbgħad fiż-żjara appostolika ta' Monsinjur Pietro Dusina li kien għamel lil din il-knisja fl-1575. Dusina kien sabha f'kundizzjoni ħażina ħafna u reġa' pprofanaha għax la kellha rettur, la bibien u lanqas altar. Hu ordna li kellu jinbena salib minflokha. Jidher li l-bdiewa li kienu joqgħodu f'dawk l-inħawi rranġawha jew bnewha mill-ġdid u sal-1598 kienet reġgħet bdiet tintuża. Fiż-żjara tal-Isqof Tommaso Gargallo tal-1608, jissemma' li fiha sab pittura "a tempera" fuq linjam li kienet tinstab fuq l-altar. Jidher li nhar ta' Sibt il-knisja kienet tkun miftuħa għal dawk il-persuni devoti, l-aktar bdiewa tal-viċin, li kienu jkunu jridu jżuruha. Iżda maz-zmien din reġgħet intelqet u ġiet ipprofanata fl-1657.



L-altar ewlieni tal-knisja ta' Santa Luċija

Il-knisja li naraw illum taf l-oriġini tagħha mill-knisja li nbniet mijjiet ta' snin ilu. Kif għedna maż-żmien din tkabbret biex tagħmel tajjeb għal kumdita tan-nies tal-post li kienu qegħdin jiżdiedu. Jidher li l-knisja li naraw illum inbniet mill-ġdid lejn l-aħħar tas-seklu tmintax mill-kanonku Mikelanġ Dandalone.

Il-kanonku Dandalone ppretenda li jkun hu l-ewwel rettur ta' din il-knisja mibnija



Il-kwadru titular Madonna tas-Silġ

mill-ġdid peress li hu kien ukoll rettur ta' benefikat imsejjah "tal-knejjes rurali". L-Arċipriet Cassar tal-Katidral ma qabilx u l-kwestjoni marret f'Ruma. Iżda sa ma waslet id-deċiżjoni lura, it-tnejn kienu laħqu mietu u r–rettur tagħha kien beda jiġi nnominat mill-Isqof.

Din il-knisja kisbet ċertu importanza meta bejn is-snin 1848 u 1851 serviet ta' viċi parroċċa għall-istess lokal u anki għan-nies ta' Kerċem. Dan seħħ peress li l-knisja ta' San Girgor il-Kbir, li llum hi l-parroċċa ta' dan ir-raħal, kienet għadha qed tinbena. Wara li tlestiet, il-knisja ta' San Girgor saret il-parroċċa fl-1885.

Minn meta nbniet din il-knisja tkabbret darbtejn, l-ewwel darba fil-bidu tas-seklu għoxrin u imbagħad wara t-tieni gwerra dinjija bejn l-1951 u 1952. Il-knisja u l-altar maġġur reġgħu gew ikkonsagrati fid-9 ta' Novembru 1952 mill-isqof Pietru Pace.

Fil-bidu tas-seklu għoxrin inbniet il-faċċata eżistenti tal-knisja. Din il-knisja għandha faċċata sabiħa ħafna imżejna b'erba' pilastri sħaħ u żewġ nofsijiet, kollha ta' stil Joniku. Dawn jerfgħu l-entablatura sħiħa li fin-nofs hi maħruġa naqra 'l barra u li fuq il-gwarniċa hemm pediment triangolari. Warajh hemm ħajt ta' tliet filati li fit-tarf għandu żewġ balavostri kbar. Fin-nofs fuq il-pediment hemm il-kampnar. Dan kien


Dehra panoramika tal-knisja fir-raħal ta' Santa Luċija

ittella' fl-1908. Fl-1948 inġabu sett ta' erba' qniepen mingħand id-ditta John Taylor tar-Renju Unit.

Il-knisja minn ġewwa hi kbira u meta wieħed jaraha minn barra forsi jitqarraq u jaħseb li ser jidħol f'xi knisja żgħira. Għandha l-forma ta' salib Latin, fejn l-erba' pilastri maġġuri ta' stil Doriku jerfgħu erba' arkuni u erba' pendentivi jew lunetti li mbagħad fuqhom hemm tistrieħ il-koppla semisferika. Il-friegħi tas-salib huma msaqqfa b'saqaf troll ta' stil barokk, li jitla' minn attiku jew sekond'ordni u li fil-ġnub għandu t-twieqi.


Artal tal-ġenb

Il-lunetti, l-apside tal-kor u s-saqaf huma miksija mill-pittura verament sabiħa ta' Ġużeppi Briffa li saret fl-1953. Barra l-altar maġġur il-knisja għandha żewġ kappelluni, li fihom altar kull wieħed. L-altari għadhom perspettiva verament sabiħa fuq stil barokk. Il-knisja fiha wkoll gallerija tal-orgni.

L-altar maġġur hu tal-irħam. It-titular jirrappreżenta lil Santa Luċija bil-palma u par għajnejn fi platt li jissimbolizzaw ir-rebħa tal-martirju u d-dawl tal-fidi Nisranija. Hi tidher qegħda titlob lil Madonna, li għandha l-Bambin Ġesù f'idejha, biex tinterċedi għall-erwieħ tal-Purgatorju, li jidhru fuq in-naħa tal-lemin tal-kwadru. Sfortunatament ma nafux minn pitter dan il-kwadru antik li hu sabiħ ħafna.

Fiż-żewġ kappelluni l-oħra hemm żewġ altari li huma ddedikati wieħed lil San Pietru u lil San Pawl u l-ieħor lil Ħarba tas-Sagra Familja lejn l-Eġittu. Dawn il-kwadri jidhru li huma tat-tmintax-il seklu, imma ma nafux min pittirhom. Bħal l-altar maġġur dawn l-altari għandhom perspettiva sabiħa ħafna fuq stil barokk.

Il-pittura li naraw fil-koppla saret fis-sena 2004. Din saret mill-pittur Austin Camilleri u tirrappreżenta l-glorifikazzjoni tal-martri. Hija mnebbħa mill-ktieb tal-Apokalissi 7, 9 -14. Din hija pittura fuq stil modern, li hi sabiħa ħafna. Fil-knisja nsibu ukoll statwa ta' Santa Luċija li saret mill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri fis-sena 1920. Għaliha kienu ħalsu l-emigranti tal-Awstralja u l-Amerika. Hemm ukoll statwi oħra tal-Qalb ta' Ġesù u ta' San Tumas.

F'Diċembru ta' kull sena ssir il-festa ad unur din il-qaddisa martri.

*Kitba ta' Roderick Busuttil*

*Ritratti: N Gingell, Owen Caruana*